# 1

# Nies Jisparixxu

Helen kienet donnha kobba. La kienet qed tagħti każ tal-irxiex naqqar mal-ħġieġ tat-tieqa u lanqas ta' Ġira mkebba ħdejn sodditha. U min-naħa tagħha Ġira wkoll ma kinetx qed tagħti każ ta' Helen. Jekk it-tifla kienet medhija fil-ktieb, Ġira ma kienet xejn anqas minnha. Fil-jum ta' qabel, Ġira kien dehrilha li lemħet ġurdien fil-kamra ta' Helen, u dakinhar riedet taċċerta ruħha minn dil-biċċa inkwiet. Għalhekk marret intasbet siekta siekta ħdejn is-sodda ta' Helen, imċappsa fuq it-tapit tabirruħha qed tongħos. Imma fis-sewwa, għajnha tal-lemin kienet imwaħħla fuq il-bieb tal-gallerija. Jekk il-ġurdien jazzarda jidħol 'il ġewwa turih li mhux il-qtates biss huma kaċċaturi tajba.

Fil-kamra ta' ħdejn Helen kien hemm biċċa xogħol kbira għaddejja. Kien wasal biex jitwieled ajruplan *Concorde*! John kien fis-seba' sema jwaħħal il-biċċiet irqaq ma' xulxin u jqegħidhom fil-post preċiż fejn għandhom jeħlu. Mhux ta' b'xejn li missieru kien igergirlu meta jarah iżomm dik il-paċenzja kollha fit-twaħħil tal-mudelli, imbagħad jitlef sabru mal-ewwel intopp fl-alġebra u l-ġometrija. Malli l-*Concorde* jitlesta kien se jsib ruħu fuq il-gwardarobba, fejn kien hemm wirja sħiħa ta' ħutu l-ajruplani; mnejn ikun jista' jittawwal lejn kuġinietu l-vapuri ankrati fuq it-*tallboy* u lejn bużnannietu, il-karozzi antiki pparkjati

fuq il-gradenza. Imbagħad John ikun jista' jinxteħet fuq is-sodda u joqgħod jitpaxxa b'dik il-kollezzjoni famuża li, bis-saħħa tal-flus li z-ziju Charlie kien ta' spiss iżerżaqlu, kienet qed tiżdied ġmielha. Kellu bżonn missieru jfittex iżomm kelmtu u jwaħħallu dawk l-ixkaffi li wiegħdu. B'hekk il-kollezzjoni tkun miġbura kollha flimkien u tidher wisq isbaħ. Issa kellu l-kamra tiegħu u seta' jqassam kollox kif jixtieq.

U minniufih ħsiebu tar lejn id-dar il-qadima li kienu joqogħdu fiha ftit xhur ilu. Tassew li kienet dar ħelwa, u f'Ħaż-Żebbuġ kellu ħafna ħbieb, imma kienet dar żgħira wisq għalihom. Kien iddejjaq jaqsam il-kamra m'oħtu Helen; dik il-fonqla ta' Helen li qatt ma kienet tħallih jitniffes għax tgħid li jfixkilha fil-qari. Issa hi kellha kamritha, u tista' toqgħod taqra mqar sa nofsillejl. U hu kellu kamartu, u seta' jpoġġi l-mudelli tiegħu mqar taħt il-friex. Ħadd ma kien se jindaħallu. U ommhom u missierhom kienu jieħdu gost jarawhom it-tnejn miġbura u medhija, għalkemm kienu jixtiequ li John iddakkar ftit minn oħtu. Għax, waqt li waħda kienet miġnuna wara l-qari, John qatt ma kien imiss ktieb b'idu, ħlief dawk il-ftit tal-iskola … bilfors!

Imma dik il-lejla s-skiet ma damx wisq isaltan. Ġira nstemgħet twerżaq u Helen tgħajjat kemm tiflaħ. John qabeż xibrejn mill-art u bil-ħasda li tawh kien għoddu qaleb il-*Concorde* bl-ekwipaġġ b'kollox.

Helen kienet temmet il-ktieb u tant ferħet li l-ġrajja spiċċat kif xtaqet hi, li hekk kif għalqitu taret minn fuq

is-sodda bil-qabża. Wisq kienet taf li se tiġi sewwasew fuq Ġira! U l-kelba ħasbet li l-ġurdien kien ġieb lil ħutu kollha għaliha.

"Mela mhux jien biss nagħmlu l-istorbju ..." instema' jgħid John waqt li fetaħ il-bieb tal-kamra t'oħtu u tawwal għonqu 'l ġewwa.

"Mhux din l-għaġba ... ġiet ġo saqajja!" weġbitu oħtu hi u tiġbor il-ktieb mill-art.

Ġira ħadet ir-ruħ malli lemħet lil John u marret titfissed ħdejn saqajh. Din Helen ukoll kif tagħmel ... issa żgur ma jiġix il-ġurdien!

"Il-*Concorde* lest. Ejja ara kemm ġie sabiħ," kompla John.

"U xi tridni nara ... mhux ajruplan bħall-oħrajn kollha li għandek?"

"Il-veru ma tifhem f'xejn int," weġibha ħuha hu u jqarras wiċċu u jiddritta fuq qaddu, "basta dejjem mitluqa taqra; imbagħad tgħidlek li l-*Concorde* ajruplan bħall-oħrajn!"

U telaq 'il barra jgerger. Ġira marret warajh għax dehrilha li John kien aktar joqgħod attent fejn ikun miexi. Helen irranġat ftit xagħarha u ġriet biex tilħaq lil ħuha. Mill-ewwel intebħet li ma messhiex kisritu lil John. Wara kollox, hu kien jieħu ħafna paċenzja biha meta tibda tirrakkuntalu xi tkun qrat u joqgħod jismagħha bis-sabar kollu. Baqgħet dieħla warajh fil-kamra u waqt li resqet lejn il-mejda bdiet tgħid:

"Il-marelli kemm hu kbir! Tafx li kont qed nimmaġinah ġej daqs dak tal-gwerra!"

"Mela mhux daqs tal-gwerra!" qalilha minnufih John b'wiċċu jixgħel. "Dak l-akbar ajruplan tal-passiġġieri li qatt inbena … u tgħidx xi *speed* kapaċi jtella'!"

Helen ħaditlu l-kaxxa minn idu u nxteħtet fuq il-pultruna taqra dwar il-qisien tal-ajruplan. Ladarba kienet xi ħaġa li tista' tinqara, Helen ma kinitx se tibqa' lura. Jista' jkun xi jkun; ktieb tal-iskola, *magazine*, kotba fuq l-istorja tad-dinja, fuq il-botanika, fuq l-ispazju, il-mitoloġija, rumanzi … f'kollox kienet issib xi ħaġa li tinteressaha; imqar fil-karta bil-kitba rqiqa mgeżwra f'xi kaxxa tal-pilloli. U fuq kollox Helen kellha don kbir: id-don tal-memorja. Ma kinitx se taqra llum u tinsa l-għada. Moħħha kien tassew jerfa'! Sħabha tal-iskola u l-għalliema kienu jiskantaw biha. U anki missierha u ommha kienu jifirħu meta jarawha daqshekk intelliġenti. Imma ommha kultant kienet titħasseb. Helen issa kienet se tagħlaq it-tlettax-il sena u kien imissha drat tmidd idejha għax-xogħol tad-dar. Tfal tal-età tagħha jkunu jafu jaħslu dar minn fuq s'isfel. Xi wħud ikunu wkoll ġa bdew jidraw isajru xi ħaġa. Imma Helen għal dil-ħaġa ma kinitx ħarġet. Dak li tagħmel hi jkun jingħaraf minn mil bogħod. Jekk tixxotta l-platti x'aktarx li xi tnejn minnhom jispiċċaw fil-landa taż-żibel. Jekk taħsel l-art tisthajlek se tara l-papri ħerġin mill-irkejjen, dawskemm ilma ċċaflas ma' kullimkien. Jekk imbagħad tipprova tnaddaf ir-ram x'aktarx li aktar iddellku milli tillostrah. U meta darba, ommha fettlilha tafdalha l-borma f'idha ħadd ma ried iduq bukkun … lanqas Ġira! U meta l-omm kienet tara dan kollu kien jitlgħalha San

Filep u trodd salib għal wiċċha li aħjar tagħmel kollox hi mill-ewwel. U Helen kienet tiskappa baxx baxx lejn kamritha, titkebbiblek fuq is-sodda u tkompli taqra fejn tkun ħalliet.

♦ ♦ ♦

"Hej… John! X'int mgħaġġel … stennieni!"

John waqaf u dar iħares lura.

"Ara Pawlu. U tassew qed ngħaġġel għax malli llesti l-*homework* irrid immur għal-laqgħa tal-i*scouts*."

"Mela għadek fil-*Boy Scouts*?" staqsieh Pawlu jkemmex xofftejh.

"Dażgur li għadni. Tgħidx kemm nieħdu gost. Għax ma tidħolx magħna?"

"Jien?!" daħakha Pawlu. "Jien fejn tridni nidħol? Mur ara xi jgħid iz-ziju, kieku! Bilkemm iħallini mmur l-iskola."

"Imma llum mort," komplielu John waqt li ta daqqa t'għajn lejn il-bagalja f'id sieħbu.

"Illum iva, imma għada ma nersaqx lil hemm. Iz-ziju Mabb għandu bżonni, qal. U iva … billi mmur l-iskola? Ħmar kont u ħmar se nibqa'."

"Tgħaġġibhiex, Pawl," qabeż qallu John xħin waqaf f'nofs triq u serraħ il-basket mal-art. U wara li sserja kemxejn komplielu, "Illum aħna m'għadniex tfal żgħar u rridu nistudjaw biex insibu x-xogħol."

"M'hemmx ir-razzett taz-ziju Mabb!" wieġbu Pawlu bi tbissima. "Jien f'dawk biss nifhem: f'xi baqra, fil-ġwież u fil-ħalib. U mela fl-iskola! Bilħaqq, John … illum aqta'

kemm dħakna bis-Sir tas-science ... il-Barbettu ... tafu?"

U bejn daħka u oħra, Pawlu qagħad jirrakkonta lil John kif daħlu baxx baxx fil-laboratorju, ħadu x-xall u l-beritta li s-Sur Debono kien ħalla mdendlin ma' dahar is-siġġu u libbsuhom lill-iskeletru kbir tal-plastik li kien hemm imdendel mill-qurriegħa ta' rasu ġo rokna tal-laboratorju. John daħak ukoll, għax meta Pawlu jirrakkonta xi ħaġa jkollok tidħak bilfors. Kien jifqgħek meta jaqbad iberraq għajnejh u jikxef dawk iż-żewġ sinniet kbar ta' quddiem.

Pawlu ma kienx xi tifel injorant. Kellu moħħu tajjeb u meta tkellmu kont donnok tinsa li qed titkellem ma' tifel t'erbatax-il sena. Kliemu kien qisu ta' raġel. Imma bi skola qatt ma ried jaf. Biex tkompli tagħqad, lilu u lil ħuh iż-żgħir Frankie, rabbiehom zijuhom wara li fi żmien sentejn tilfu lil missierhom u 'l ommhom. Zijuhom Mabbli kien qalbu tajba kemm tridu u liż-żewġ neputijiet kien iħobbhom daqs l-ulied li ma kellux. Imma għalih ir-razzett kien prezzjuż wisq u lil Pawlu u lil Frankie minnufih beda jderrihom is-sengħa tar-raba'.

Pawlu kien wieħed mill-ewwel ħbieb li qabad John malli l-familja tiegħu ġiet toqgħod fid-dar il-ġdida. Dik in-naħa ftit li xejn kien għad hemm bini. Ftit djar 'l hawn u 'l hinn, xi wħud għadhom telgħin u faċċata tat-triq ewlenija kien hemm mogħdija dejqa tagħti għall-wied. Ir-razzett taz-ziju ta' Pawlu kien fit-tarf tal-mogħdija, sewwasew qabel ma t-triq tiżżerżaq lejn il-wied.

"Wasalt jien," qallu John, "tgħaddi ftit nurik il-*Concorde*?"

"Mhux illum, John, għax iz-ziju jkun jistennieni."

"Kollox sew. Niltaqgħu nhar is-Sibt, mela."

"Fl-għaxra ħdejn ir-razzett. U tinsiex tgħid lil oħtok biex darba oħra ma ġġibilniex mistednin tafx. Għidilha li għidtlek jien."

John infexx jidħak.

"Imma issa li hemm hemm, Pawl. Għal nhar is-Sibt, mela."

Pawlu kien ġa telaq joqmos lejn il-mogħdija. Xejjirlu b'idu tax-xellug biex jurih li kollox sew u kompla sejjer ibandal il-bagalja 'l hawn u 'l hinn bl-id tal-lemin.

Is-Sibt ta' wara Pawlu kien wiegħed lil John li jieħdu jara Għar Għoli, għar kbir fuq in-naħa l-oħra tal-wied mimli kollu friefet il-lejl. Helen minnufih stiednet ruħha b'idejha malli semgħethom jitkellmu u bla ma qaltilhom xejn ħajret ukoll lil seħbitha Marthese biex tingħaqad magħhom. U din l-imsejkna ta' Marthese ma tantx kienet popolari, la mas-subien u lanqas mal-bniet.

"Ma nafx x'taralha!" kien ta' spiss jgħid John lil oħtu meta l-kliem jaqa' fuq Marthese. "Ma stajtx sibt ħabiba oħra?"

"Tgħid hekk għax ma tafx kemm hi intelliġenti," kienet dejjem twieġbu Helen.

"Fsied, għandha żgur. '*Il-Mummy dejjem ħwejjeġ ta' barra tixtrili*' " kien iħobb jgħid John waqt li jibda jiżżegleg bħalha u jgħawweġ ilsienu, "'*u d-Daddy kulma*

*rrid jagħtini!'* Għax ma jagħtihiex xebgħa filgħodu u oħra filgħaxija?"

Iżda jrid jew ma jridx John kellu jitqanna bil-kumpanija ta' Marthese. Id-dar tagħha kienet tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minn tagħhom u ta' spiss kienet tiġi għandhom m'oħtu. Tgħidx kemm kien jieħu gost jagħmel tabirruħu qed jissemgħalhom meta hi u Helen ikunu qed isefsfu xi sigriet f'widnejn xulxin. U ħaġa tal-għaġeb, anke Ġira xejn ma kienet ħadet grazzja magħha. Għal ħadd ma kienet tikxef snienha ħlief għal Marthese.

Is-Sibt filgħodu, John, Helen u Marthese telqu bil-pass il-pass lejn ir-razzett ta' Pawlu. Frankie kien fuq is-setaħ u meta lemaħhom resqin beda jgħajjat lil ħuh b'kemm saħħa kellu, u f'kemm trodd salib qam storbju sħiħ. Bl-għajjat ta' Frankie stenbħu l-klieb kollha tal-irziezet qrib, u meta l-klieb intebħu li mat-tfal kien hemm ukoll kelba tonfoħ u ġġebbed iċ-ċinga, aktar bdew jaqbżu u jogħlew fuq il-bjut.

"Iskot Ġira … iskot!" bdew jgħajtu John u Helen.

"Għassa lil hemm Bobby … biżżejjed Nigru," beda jwerżaq Frankie.

Iżda l-għajjat u l-istorbju ma waqafx qabel ma Pawlu ħareġ minn ġewwa u l-ħamest itfal flimkien ma' Ġira tbiegħdu biċċa sewwa mal-mogħdija.

"Issa ngħaddu għal Salvina," qalilhom Pawlu xħin l-inbiħ tal-klieb dab fix-xejn.

"Mela ġejja Salvina wkoll?" staqsa John.

"Iva," qabeż fin-nofs Frankie, "għax qatt ma rat friefet

il-lejl. U lbieraħ ġiet iġġibilna l-bajd u jien għidtilha li se mmorru naraw Għar Għoli … imbagħad Salvina qaltli li dejjem xtaqet …”

“Ara tibdiex tredden tafx,” ħatfu ħuh Pawlu, “għax inkella tista’ tmur mnejn ġejt … jew mur doqq il-qniepen!”

U għal dal-kliem ta’ Pawlu kulħadd infexx jidħak. Ilkoll kienu jafu li Frankie kien miġnun wara l-qniepen. Allaħares meta jdoqqu xi mota; tal-barka, tal-Ħamis jew xi trapassjoni ma jgħidux lilu; avolja għall-parroċċa kellu mixja ġmielha u avolja kellu biss seba’ snin. Lil Frankie ħadd ma kien jirbaħlu għall-qniepen.

“Salvina! Inti ġejja jew?” beda jgħajjat Pawlu bil-kefef ta’ jdejh ma’ ħalqu malli waslu quddiem ir-razzett ta’ Salvina.

Iżda kien għadu lanqas temm il-għajta tiegħu li ma tbexxaqx il-bieb u minnu ħarġet Salvina, b’għajnejn kbar żoroq.

“Jien ħsibtkom m’intomx ġejjin,” daret tgħid Salvina lil sħaba, “mhux fil-għaxra ftehimna?”

“Iss, bil-mod ħej,” zekzek Pawlu, “xħin seta’ sar?”

“L-għaxra u kwart,” qabżet Marthese minn wara.

“Mela aħna se noqogħdu nfittxu kwarta ’l hawn u kwarta ’l hinn,” kompla bid-daħka, “ejja, ħaffu, għax ma’ nofsinhar wegħidt liz-ziju Mabb li nkunu lura.”

U bla telf ta’ ħin aktar it-tfal kisru mal-lemin u qabdu l-mogħdija żurżiqija li tieħdok sa qiegħ il-wied. Imma hekk kif il-wied tfaċċa quddiemhom, iffullat bil-qasab u s-siġar tal-ħarrub, Pawlu waqaf u ġibed lil John minn spalltu.



*"Hemm, ara John … intix tara dik il-blata l-kbira? Ħdejn dik jidher iċ-ċpar li semmejtlek id-darba l-oħra."*